MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 761/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Kevin Saliba (K.I. 215875M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici tablet hlas ta’ hames mija, sitta u disghin ewro w erbgha u sittin centezmu (€596.64) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skont c*lient contract number* 423892 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat- 2 ta’ Dicembru, 2010, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li deher l-intimat fis-seduta tal-15 ta' Novembru, 2010 fejn taht gurament ammetta t-talba izda qal illi huwa bhal issa m'huwiex qieghed jahdem, qieghed jaghmel programm ta' rijabiltazzjoni f'San Blass u wara li jikkompleta dan il-programm huwa ghandu xi perjodu x'jiskonta fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ghaldaqstant m'ghandux mezzi sabiex ihallas l-ammont indikat fit-talba.

Ra li l-konvenut ammetta t-talba.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------